*Konvenuta:* Il-Kummissjoni Ewropea (rappreżentanti: H. Kranenborg u P. Rossi, aġenti)

**Suġġett**

Talba għall-annullament tad-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni 2013/433/UE, tat-13 ta' Awwissu 2013, dwar l-esklużjoni mill-finanzjament tal-Unjoni Ewropea ta' ċertu nefqa mġarrba mill-Istati Membri skont it-Taqsima ta' Garanziji tal-Fond Agrikolu Ewropew dwar Gwida u Garanzija (FAEGG), skont il-Fond Agrikolu Ewropew ta' Garanzija (FAEG) u skont il-Fond Agrikolu Ewropew għall-Iżvilupp Rurali (FAEŻR) (ĠU L 219, p. 49), sa fejn tikkonċerna l-infiq imwettaq mir-Renju tal-Belġju jew, fi kwalunkwe każ, ta' limitazzjoni tal-ammont li għandu jiġi eskluż mill-finanzjament.

**Dispożittiv**

1) *Ir-rikors huwa miċħud.*

2) *Ir-Renju tal-Belġju huwa kkundannat għall-ispejjeż.*

---

([1]) ĠU C 367, 14.12.2013.

---

**Sentenza tal-Qorti Ġenerali tal-15 ta' Diċembru 2015 – LTJ Diffusion vs UASI – Arthur et Aston (ARTHUR & ASTON)**

**(Kawża T-83/14)** ([1])

***["Trade mark Komunitarja — Proċedimenti ta' oppożizzjoni — Applikazzjoni għat-trade mark verbali ARTHUR & ASTON — Trade mark nazzjonali figurattiva preċedenti Arthur — Assenza ta' użu ġenwin tat-trade mark — Artikolu 15(1)(a) tar-Regolament (KE) Nru 207/2009 — Forma li hija differenti permezz ta' elementi li jbiddlu l-karattru distintiv"]***

(2016/C 038/62)

*Lingwa tal-kawża: il-Franċiż*

**Partijiet**

*Rikorrenti:* LTJ Diffusion (Colombes, Franza) (rappreżentanti: inizjalment S. Lederman, sussegwentement F. Fajgenbaum, avukati)

*Konvenut:* L-Uffiċċju għall-Armonizzazzjoni fis-Suq Intern (Trade marks u Disinni) (rappreżentant: V. Melgar, aġent)

*Parti oħra fil-proċedimenti quddiem il-Bord tal-Appell tal-UASI, intervenjenti quddiem il-Qorti Ġenerali:* Arthur et Aston SAS (Giberville, Franza) (rappreżentant: N. Boespflug, avukat)

**Suġġett**

Rikors ippreżentat kontra d-deċiżjoni tal-Ewwel Bord tal-Appell tal-UASI, tat-2 ta' Diċembru 2013 (Każ R 1963/2012-1), dwar proċedimenti ta' oppożizzjoni bejn LTJ Diffusion u Arthur et Aston SAS.

**Dispożittiv**

1) *Ir-rikors huwa miċħud.*

2) *LTJ Diffusion hija kkundannata għall-ispejjeż.*

([1]) ĠU C 112, 14.4.2014.

---

**Sentenza tal-Qorti Ġenerali tal-11 ta' Diċembru 2015 – Il-Finlandja vs Il-Kummissjoni**

**(Kawża T-124/14)** ([1])

***("FAEŻR — Infiq eskluż mill-finanzjament Komunitarju — Żvilupp rurali — Korrezzjoni finanzjarja ta' darba — Eliġibbiltà tal-infiq magħmul għax-xiri ta' materjal u ta' tagħmir użat — Sistema derogatorja għall-impriżi mikro, żgħar u ta' daqs medju — Artikolu 55(1) tar-Regolament (KE) Nru 1974/2006")***

(2016/C 038/63)

*Lingwa tal-kawża: il-Finlandiż*

**Partijiet**

*Rikorrenti:* Ir-Repubblika tal-Finlandja (rappreżentanti: J. Heliskoski u S. Hartikainen, aġenti)

*Konvenuta:* Il-Kummissjoni Ewropea (rappreżentanti: P. Aalto, J. Aquilina, P. Rossi u T. Sevón, aġenti)

**Suġġett**

Talba għall-annullament tad-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni 2013/763/UE, tat-12 ta' Diċembru 2013, dwar l-esklużjoni mill-finanzjament tal-Unjoni Ewropea ta' ċertu nefqa mġarrba mill-Istati Membri skont it-Taqsima ta' Garanziji tal-Fond Agrikolu Ewropew dwar Gwida u Garanzija (FAEGG), skont il-Fond Agrikolu Ewropew ta' Garanzija (FAEG) u skont il-Fond Agrikolu Ewropew għall-Iżvilupp Rurali (FAEŻR) (ĠU L 338, p. 81), sa fejn din id-deċiżjoni teskludi mill-finanzjament tal-Unjoni taħt il-FAEŻR ċertu nfiq tar-Repubblika tal-Finlandja, li jammonta għal EUR 927 827,58, għaliex ma huwiex konformi mar-regoli tal-Unjoni

**Dispożittiv**

1) *Id-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni 2013/763/UE, tat-12 ta' Diċembru 2013, dwar l-esklużjoni mill-finanzjament tal-Unjoni Ewropea ta' ċertu nefqa mġarrba mill-Istati Membri skont it-Taqsima ta' Garanziji tal-Fond Agrikolu Ewropew dwar Gwida u Garanzija (FAEGG), skont il-Fond Agrikolu Ewropew ta' Garanzija (FAEG) u skont il-Fond Agrikolu Ewropew għall-Iżvilupp Rurali (FAEŻR), hija annullata sa fejn din id-deċiżjoni teskludi mill-finanzjament tal-Unjoni taħt il-FAEŻR ċertu nfiq tar-Repubblika tal-Finlandja, li jammonta għal EUR 927 827,58, għaliex ma huwiex konformi mar-regoli tal-Unjoni.*

2) *Il-Kummissjoni Ewropea hija kkundannata għall-ispejjeż.*

([1]) ĠU C 142, 12.5.2014.

---

**Sentenza tal-Qorti Ġenerali tad-9 ta' Diċembru 2015 – Comercializadora Eloro vs UASI – Zumex Group (zumex)**

**(Kawża T-354/14)** ([1])

***["Trade mark Komunitarja — Proċedimenti ta' oppożizzjoni — Applikazzjoni għat-trade mark Komunitarja figurattiva ZUMEX — Trade mark nazzjonali verbali preċedenti JUMEX — Assenza ta' użu ġenwin mit-trade mark preċedenti — Artikolu 42(2) tar-Regolament (KE) Nru 207/2009"]***

(2016/C 038/64)

*Lingwa tal-kawża: l-Ispanjol*

**Partijiet**

*Rikorrenti:* Comercializadora Eloro, SA (Ecatepec, il-Messiku) (rappreżentant: J. de Castro Hermida, avukat)